# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Il-Pulizija**

**Spettur George Frendo**

**Spettur Wayne Rodney Borg**

**vs**

**Chris Barbara**

**Illum, 16 ta' Frar, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Chris Barbara detentur ta' karta tal-identità bin-numru 252096M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli fil-perijodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2020, u 20 ta' Awwissu 2021, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

> *"1. Talli tajt, jew offrejt servizz tal-loghob u, jew fornitura' ta' loghob kritika li jehtiegu licenzja, minghajr il-licenzja mehtiega mahruga mill-Awtorita' jew minn awtorita' ohra kompetenti fl-unjoni Ewropea jew fiz-Zona Ekonomika Ewropea, jew li ghent, heggigt jew xort'ohra ffacilitajt dak l-ghoti; (Art 23(a) tat-Tielet Skeda tal-Kap. 583 tal-Ligijiet ta' Malta)*

*2. Kif ukoll talli użajt, itrasferixxejt il-pussess ta', bagħat jew ikonsenjat lil xi persuna jew post, akkwistajt, irċivejt, zammejt, trasportajt, trasmettejt, olterajt, iddisponejt minn jew b'xi mod ieħor innegozjajt, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjeta' (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjeta' bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjeta' jew dak ir-rikavat u kif kont taf jew kellek suspett li dawk il-flus jew proprjeta' kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament bħala riżultat ta' kwalsijasi att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jikkostitwixxi reat kontra dan l-Att. (Art. 23 (e) tat-Tielet Skeda tal-Kap.583 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Kif ukoll wettaqt, ippromwovejt, tajt ghajnuna, hajjar jew b'xorta' ohra iffacilitajt t-twettiq ta' attivita' li tinhtieg awtorizzazzjoni minghajr tali awtorizzazzjoni. (Art. 13 tal-Kap. 583 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet il-provi;

Semgħet ammissjoni tal-imputat, li reġgħet ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tagħtu żmien raġjonevoli biex jirrikonsidra, u wara li l-istess Qorti spjegat lill-imputat, il-piena li jġorru magħhom l-imputazzjonijiet in eżami;

Semgħet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti qieset l-ammissjoni tal-imputat, li ma kinitx waħda bikrija. Qieset il-fedina penali tal-imputat, kif ukoll il-fatt li l-istess imputat ikkopera mal Pulizija fl-investigazzjonijiet li saru. Qieset ukoll l-età tal-imputat.

Tqies għalhekk li l-piena idoneja, għandha tkun dik ta' kundanna għal ħlas ta' multa fil-minimu tagħha.

**Deċide**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 23(a) tat-Tielet Skeda tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta, 23(e) tat-Tielet Skeda tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 13 tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 23 (1) tal-Kap 583 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib fuq ammissjoni, lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tiegħu, u qed tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' għaxart elef Ewro (€10,000).**

**Magistrat Dr. Simone Grech LL.D.**

**Janet Calleja**

**Deputat Reġistratur**